MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2014

Talba Numru. 543/2013

**Mobisle Communications Limited [C-24655]**

**Vs**

**Leslie FARRUGIA [ID. Nru. 202492M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-18 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' elf mitejn u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€1260.24] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' elf mitejn u sittin ewro u erbgha u ghoxrin centezmi (€1260.24) in kwantu ghal sitt mija disgha u sebghin ewro u seba centezmi (€679.07) in konnessjoni ma' 79337758 (AC51048406) u hames mija wiehed u tmenin ewro u sbatax-il centezmu (€581.17) in konnessjoni ma

79226658 (AC51048297), liema servizzi gew ikkuntrattati permezz ta' kuntratti datati 12 t' April, 2010.

Illi l-ammonti fuq imsemmija jinkludu l-penalitajiet ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti skont il-kuntratti fuq citat.

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjentiu ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u d-drittijiet, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 4632/11 u bl-imghaxijiet mit-28 ta' Novembru 2011, data tal-imsemmija ittra ufficjali".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat giet debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna bil-procedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar l-20 ta' Novembru, 2013, nhar it-8 ta' Jannar, 2014 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta' Jannar, 2014 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf mitejn u sittin euro u erbgha u ghoxrin centezmi ta' euro [€1260.24], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------